MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2009

Citazzjoni Numru. 1006/2006

**IS-SOĊJETA' EURO CHEMIE PRODUCTS LIMITED (C-5627)**

vs

**MALTA INDUSTRIAL PARKS LIMITED** u l-Kummissarju tal-Pulizija, għal kwalunkwe interess li jista' jkollhom

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-6 ta' Novembru, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-kumpannija attriċi (aktar 'il quddiem imsejħa "ECP") talbet li din il-Qorti (a) tiddikjara – jekk meħtieġ permezz ta' riferenza preliminari lill-Qorti fis-sede kostituzzjonali tagħha – li s-setgħat mogħtija lill-kumpannija mħarrka (aktar 'il quddiem

imsejħa “MIP”) permezz tal-artikolu 2 tal-Kapitolu 169 tal-Liġijiet ta’ Malta u tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 228 tal-Liġijiet ta’ Malta jiksru d-drittijiet fundamentali tas-soċjeta’ attriċi kif imħarsin bl-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta li nkorpora l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem; (b) issib ma jiswiex l-Ordni ta’ Żgumbrament bid-data tal-25 ta’ Settembru, 2006, li bih MIP ordnat lil ECP biex toħroġ mill-fabbrika RL20A fil-Qasam Industrijali ta’ Rikażli minħabba li sar bi ksur tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; u (ċ) iżżomm lil MIP u lill-Kummissarju tal-Pulizija milli jwettqu l-imsemmi Ordni ta’ Żgumbrament. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta’ Novembru, 2006, li bih u fuq talba magħmula b’rikors ta’ ECP, ordnat li l-kawża titqiegħed għas-smigħ biex titqies it-talba għas-smigħ tal-kawża bl-urġenza;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-6 ta’ Diċembru, 2006, li fih issemma li l-Ordni ta’ Żgumbrament twettaq fl-10 ta’ Novembru, 2006;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija fis-7 ta’ Diċembru, 2006, li biha laqa’ għall-azzjoni attriċi billi, b’mod preliminari, qal li huwa tħarrek għalxejn għaliex hu ma kellu l-ebda sehem fit-teħid tal-“għamil amministrativ” tad-deċiżjoni tat-tneħħija ta’ ECP mill-fabbrika mikrija lilha, u lanqas għandu xi setgħa joħroġ Ordni bħal dik, li għaliha trid twieġeb biss MIP; minbarra dan, ladarba l-Ordni diġa twettaq, il-mertu tal-azzjoni attriċi hu eżawrit, u għalhekk imissu jinħeles milli jibqa’ fil-kawża. Fil-mertu, laqa’ billi qal li, minkejja li s-sehem tal-Pulizija huwa wieħed limitat għall-preżenza ta’ uffiċjal tal-Korp fil-ħin tal-iżgumbrament, l-allegazzjonijiet ta’ ECP ma kinux mistħoqqa u lanqas jagħtu lok għall-ħlas ta’ danni. Żied jgħid li ECP naqset li ssemmi liema jedd fundamentali nkiser bil-ħruġ tal-Ordni ta’ Żgumbrament, u li hu bl-ebda mod ma aġixxa *ultra vires* is-setgħat mogħtijin lilu mil-liġi. F’kull każ, dwar l-allegazzjoni ta’ ECP dwar l-allegata inkompatibilita’ tal-artikoli msemmija tal-Kapitoli 169 u 228 tal-Liġijiet ta’ Malta mal-artikolu 6

tal-Konvenzjoni, l-Qorti Kostituzzjonali kienet diġa' tat il-fehmiet tagħha f'sentenza mogħtija xi ftit taż-żmien qabel[1];

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-kumpannija intimata MIP fil-11 ta' Diċembru, 2006, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jgħoddux għaliha. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-mertu tal-azzjoni ntemm għaliex l-Ordni ta' Żgumbrament twettaq, u hi mxiet bil-mod li trid il-liġi, filwaqt li l-ebda parti mid-dispożizzjonijiet tal-Kap 169 u l-Kap 228 ma jiksru l-Kostituzzjoni ta' Malta jew il-Kap 319. Irriżervat li tressaq eċċezzjonijiet oħrajn hekk kif ECP tiċċara xi wħud mill-premessi tal-azzjoni tagħha;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat difensur tal-kumpannija attriċi waqt is-smigħ tal-14 ta' Diċembru, 2006, li biha rtira t-talba biex il-Qorti tisma' l-kawża b'urġenza, fid-dawl tal-iżviluppi li seħħew minn dak inhar li kienet infetħet il-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Diċembru, 2006, li bih ordnat li jiġu trattati l-ewwel erba' eċċezzjonijiet preliminari tal-intimat Kummisarju tal-Pulizija u l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari ta' MIP;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Jannar, 2007[2], li bih ċaħdet talba magħmula minn ECP b'rikors tagħha tat-18 ta' Diċembru, 2006, biex tordna t-tneħħija tat-Tweġibiet Maħlufa tal-intimati mill-atti tal-kawża;

Semgħet ix-xhieda mressqa minn ECP dwar l-eċċezzjonijiet preliminari;

Rat id-degriet kamerali tagħha tas-16 ta' Mejju, 2007[3], li bih ċaħdet talba oħra magħmula minn ECP waqt is-smigħ tat-23 ta' Jannar, 2007, biex issib li t-Tweġiba Maħlufa

---

[1] Kost. **11.4.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Emmanuel Camilleri et vs Kummissarju tal-Artijiet*** (Rik. Nru. 5/2005)
[2] Paġ. 32 tal-proċess
[3] Paġġ. 94 – 6 tal-proċess

mressqa minn MIP ma kinitx tiswa għax saret bi ksur tal-liġi;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-eċċezzjonijiet preliminari;

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Ottubru, 2007, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar stħarriġ ġudizzjarju dwar Ordni ta' Żgumbrament maħruġ kontra l-kumpannija attriċi biex toħroġ minn fabbrika mikrija lilha f'qasam industrijali. ECP qiegħda tgħid li l-Ordni li bih tneħħiet mill-imsemmija fabbrika ma jiswiex għaliex inħareġ bi ksur tal-jeddijiet tagħha li tingħata smigħ xieraq qabel ma deċiżjoni bħal dik titwettaq. Fuq kollox, tgħid li t-teħid ta' dik id-deċiżjoni kien abbusiv għaliex magħmul bi ksur tal-prinċipji tal-ħaqq naturali u għal għanijiet mhux xierqa jew konsiderazzjonijiet irrilevanti bi ksur tal-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. Hija qiegħda għalhekk titlob li dak l-ordni jitħassar;

Illi, minbarra eċċezzjonijiet fil-mertu, ż-żewġ imħarrkin laqgħu għal din l-azzjoni billi qajmu għadd ta' eċċezzjonijiet preliminari. L-imħarrka MIP qalet li l-artikolu 469A ma jgħoddx għaliha għaliex hi m'hijiex awtorita' pubblika. Laqgħet ukoll billi qalet li ladarba l-Ordni laħaq twettaq u seħħ l-iżgumbrament, it-talbiet attriċi ma jistgħux jintlaqgħu. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija laqa' billi qal li huwa ma għandu l-ebda sehem fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjoni li twassal għall-ħruġ ta' Ordni ta' Żgumbrament, imma s-sehem tiegħu huwa limitat biss għall-preżenza ta' uffiċjali tal-Korp waqt it-twettiq tal-iżgumbrament għal raġunijiet biss ta' żamma ta' ordni pubbliku. Għalhekk, jitlob li jinħeles milli jibqa' fil-

kawża. Iżid jgħid li ladarba, f'kull każ, l-Ordni twettaq, il-ħajja tal-azzjoni attriċi ntemmet;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti tal-każ rilevanti għal dan l-istadju tal-kawża, jirriżulta li f'Mejju tal-1986, ECP talbet lill-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta (MDC) biex tingħata fabbrika ħalli fiha tipproduċi *toiletries*. Fit-8 ta' Ġunju, 1987[4], MDC bagħtet tgħarrafha li t-talba tagħha kienet intlaqgħet u nħarġet *letter of intent* li allokatilha fabbrika – magħrufa bħala RL 20 A – fil-Qasam Industrijali ta' Rikażli, u dan bil-kundizzjonijiet hemm imfissra;

Illi minħabba xi problemi marbuta man-nuqqas ta' ħlas f'waqtu min-naħa ta' ECP tal-kera stabilit u raġunijiet oħrajn, kien hemm sensiela ta' laqgħat mal-MDC dwar iż-żamma tal-fabbrika. Tul dan iż-żmien, il-Gvern identifika l-Qasam Industrijali ta' Rikażli bħala s-sit fejn kien maħsub li jitwettaq il-proġett ta' *Smart City* u kien nieda programm li l-fabbriki li kien hemm mibnija f'dak il-Qasam sa dak iż-żmien jitwaqqgħu biex jinbena l-imsemmi proġett. Dan kien jinvolvi proċess ta' tneħħija tal-okkupanti mill-imsemmija fabbriki. ECP kienet waħda minn fost tali okkupanti;

Illi fl-20 ta' Marzu, 2006[5], ECP rċeviet ittra mibgħuta minn MaltaEnterprise biex tgħarrafha li kienet qiegħda tirtira l-*letter of intent* ta' Ġunju, 1987, u talbitha trodd lura l-fabbrika lil MIP u widdbitha li, f'każ li tonqos li tagħmel dan, tieħu l-passi meħtieġa taħt il-Kapitolu 228 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-5 ta' Ottubru, 2006, ECP ressqet Protest Ġudizzjarju kontra MIP. Din il-kawża nfetħet fis-6 ta' Novembru, 2006. Fl-10 ta' Novembru, 2006, MIP wettqet l-Ordni ta' Żgumbrament;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet legali marbuta mal-eċċezzjonijiet hawn mistħarrġa, l-Qorti tagħraf li dawn jinqasmu fi tnejn: jiġifieri (a) dawk dwar il-

[4] Dok "MIPA", f'paġġ. 25 – 6 tal-proċess
[5] Dok "A", f'paġ. 6 tal-proċess

leġittimazzjoni passiva (*locus standi judicio*) taż-żewġ imħarrkin, jew jekk l-imħarrkin – jew min minnhom – humiex il-kontradditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi; u (b) dawk dwar il-kwestjoni tal-attwalita' tal-interess ġuridiku fl-attriċi, ladarba l-Ordni ta' Żgumbrament laħaq twettaq. Taħt l-ewwel kategorija jaqgħu l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija (u bis-saħħa t'hekk ir-raba' eċċezzjoni tiegħu ukoll) u l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' MIP. Taħt it-tieni kategorija jaqgħu t-tielet eċċezzjoni tal-imsemmi Kummissarju u t-tieni eċċezzjoni ta' MIP;

Illi għar-rigward tal-**eċċezzjonijiet li jirrigwardaw il-leġittimazzjoni passiva**, jidher li jeħtieġ li qabel xejn jingħad li, fil-qofol tagħha, l-azzjoni attriċi hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju. Huwa minnu li waqt it-trattazzjoni tal-kawża (magħduda t-trattazzjoni tal-għeluq) l-għaref difensur ta' ECP issottometta li l-azzjoni attriċi m'hijiex biss waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju, imma waħda wkoll "b'implikazzjonijiet ta' ksur ta' jedd fundamentali"[6]. Iżda din il-Qorti ma tistax tilqa' din is-sottomissjoni. Il-fatt waħdu li fl-ewwel talba tagħha ECP stiednet lill-Qorti tagħmel "referenza preliminari"[7] tal-kwestjoni mqanqla tal-allegat ksur ta' drittijiet fundamentali, ma jibdilx in-natura essenzjali tal-azzjoni tagħha bħala azzjoni ta' stħarriġ. Wara kollox, waħda mill-kawżali li fuqha tista' titressaq azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju hija l-każ fejn "l-għamil amministrativ jikser il-Kostituzzjoni"[8];

Illi <u>għar-rigward tal-pożizzjoni ta' MIP</u> bħala parti mħarrka f'din il-kawża, l-Qorti jidhrilha li ladarba l-azzjoni tal-lum hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju, il-kontradittur leġittimu jrid tabilfors ikun "awtorita' pubblika";

Illi MIP tgħid li hija ma taqax taħt it-tifsira ta' "awtorita' pubblika" kif maħsuba fl-artikolu 469A(2) tal-Kap 12. Minn kliem l-għaref difensur tagħha, dan joħroġ mill-fatt li MIP

[6] Ara verbal f'paġ. 14 tal-proċess
[7] Fil-fatt, f'każ bħal dan, kieku kellha tinqala' "kwestjoni kostituzzjonali" quddiem din il-Qorti ma kien hemm bżonn tal-ebda riferenza, imma li din il-Qorti nnifisha "tinbidel" f'waħda ta' indoli kostituzzjonali jew konvenzjonali [Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni jew l-art. 4(3) tal-Kap 319]
[8] Art. 469A(1)(a) tal-Kap 12

hija kumpannija kummerċjali privata, u għalhekk entita' privata li xogħolha huwa biss wieħed li twettaq dak li jiddelegaha tagħmel il-Kummissarju tal-Artijiet;

Illi l-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument u tqis li huwa x'aktarx fieragħ għaliex MIP hija, fil-fatt, l-awtorita' pubblika li waħedha għandha s-setgħa li taqtagħha jekk jinħariġx Ordni ta' Żgumbrament u tagħti "pariri" lill-Kummissarju tal-Artijiet biex jordna l-ħruġ ta' Ordni bħal dak. Il-fatt li dik l-awtorita' għandha s-sura ta' kumpannija kummerċjali ma jneħħihiex milli tikkwalifika bħala "korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi" kif imsemmi fl-artikolu 469A(2). Din ix-xejra "pubblika" toħroġ ukoll mill-binja azzjonarja tagħha, fejn l-azzjonist ewlieni huwa l-Ministeru tal-Finanzi (b'9,999 sehem ordinarju) u l-azzjonist minoritarju (M.I.M.C.O.L.)(b'sehem ordinarju wieħed) ukoll kumpannija b'investiment pubbliku qawwi[9]. MIP tqis lilha nnifisha wkoll bħala "Government agency responsible for the management, development and administration of Government-owned industrial estates"[10];

Illi, minbarra dan, ħarsa lejn id-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kap 169[11] tal-Liġijiet ta' Malta jagħmluha ċara li MIP ngħatat setgħat (b'delega) li jikkaratterizzaw lil kull awtorita' b'funzjoni pubblika. L-istess dispożizzjonijiet jixhdu wkoll li MIP tgawdi setgħat ta' funzjoni regolatriċi pubblika u amministrativa[12]. Il-Qorti tinnota wkoll li kienet MIP nnifisha li fit-tmien u fid-disa' paragrafi tad-Dikjarazzjoni Maħlufa tagħha tistqarr daqstant, meta tgħid li hija "s-suċċessur" tal-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta;

Illi tajjeb li l-Qorti tinnota wkoll li, fost id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili li skond il-Kap 169 jgħoddu għall-imsemmija Korporazzjoni (u, għalhekk, ukoll għal MIP) hemm id-dispożizzjonijiet tas-Sub-Titolu VI tat-Titolu VIII tat-Tieni Ktieb (jiġifieri "*Fuq il-Kawżi tal-Gvern*"). Fil-fehma tal-Qorti, l-istess Att

[9] Dok "CFS1", f'paġġ. 50 – 1 tal-proċess
[10] Dok "ECP", f'paġ. 93 tal-proċess
[11] Ara ż-żewġ *proviso* tal-art 2 u l-art 3 tal-Kap 169
[12] App. Ċiv. **9.3.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Borġ noe et vs Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta***

leġislativ li minnu taf it-tnissil u l-eżistenza tagħha MIP iqabbilha mal-awtorita' pubblika amministrativa waħdanija f'dan il-qasam;

Illi, minbarra dan, il-Qorti tqis li huwa interessanti kif, forsi bla ma jrid, l-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija nnifsu jitfa' dawl fuq din il-kwestjoni sewwasew dwar il-pożizzjoni ta' MIP bħala "awtorita' kompetenti" meta jagħmel din l-"istqarrija" fit-tieni eċċezzjoni preliminari tiegħu;

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka;

Illi <u>għar-rigward tal-pożizzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija</u> bħala mħarrek f'din il-kawża, l-Qorti jidhrilha li l-qagħda tiegħu hija differenti minn tal-kumpannija mħarrka. Huwa minnu li l-Kummissarju tal-Pulizija huwa "awtorita' pubblika" li l-għamil tagħha jaqa' fl-ambitu ta' azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju, imma dan il-fatt waħdu ma jagħmlux il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi. Biex jista' jingħad li azzjoni bħal din tkun tressqet kontra l-awtorita' t-tajba, irid jintwera li dik il-persuna tkun ħadet sehem strumentali u determinanti fl-"għamil amministrativ";

Illi ECP tgħid li l-Kummissarju jrid ikun parti fil-kawża għaliex din m'hijiex kawża sempliċi ta' stħarriġ ġudizzjarju. Fuq kollox, tgħid ukoll li l-preżenza tal-Kummissarju hija mandatarja f'kull eżekuzzjoni ta' żgumbrament taħt il-Kap 169 jew il-Kap 228. Min-naħa tiegħu, l-Kummissarju mħarrek jgħid huwa qatt ma kellu xi sehem fit-teħid tad-deċiżjoni biex ECP titneħħa mill-fabbrika mikrija lilha u hija dik id-deċiżjoni, u mhux l-eżekuzzjoni tagħha (li, fil-fatt, it-tieni talba attriċi ippruvat iżżomm milli titwettaq), li hija r-raġuni li dwarha ECP fetħet din il-kawża;

Illi l-Qorti ma taqbilx ma' ECP f'dan ir-rigward. Fl-ewwel lok, u għal raġunijiet li ssemmew qabel, l-azzjoni attriċi hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni biex jinħareġ Ordni ta' Żgumbrament. Mill-provi mressqa u minn qari tal-liġi, ma ntweriex li l-Kummissarju mħarrek kellu xi sehem fil-proċess jew ġrajjiet li wasslu għad-deċiżjoni impunjata. Jekk ECP qiegħda tqis li l-azzjoni

tagħha wkoll bħala waħda ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali, l-Qorti ma tarax kif il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jkun il-kontradittur leġittimu sakemm ma jitqiesx huwa nnifsu bħala l-persuna li taħti għal dak il-ksur. Sa dak inhar li nfetħet il-kawża, ma ntweriex li l-imħarrek kien wettaq xi ħaġa li remotament setgħet tinftiehem bħala għamil jew omissjoni li jġib ksur ta' xi jedd ta' ECP jew għamil amministrativ kontra l-interessi tagħha;

Illi, kif sewwa issottomettiet l-għaref difensur tal-imħarrek, ir-rwol tal-Kummissarju mħarrek fil-proċess kollu tat-teħid tad-deċiżjoni ta' ħruġ ta' Ordni ta' Żgumbrament sa ma jitwettaq dak l-Ordni, ma jammontax għal "egħmil amministrattiv" safejn jidħol hu jew il-Korp;

Illi filwaqt li sehem il-Kummissarju huwa mħolli barra għal kollox taħt il-Kapitolu 169 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-Kapitolu 228 is-sehem tal-Pulizija (f'uffiċjali li ma jkunux taħt il-grad ta' spettur)[13] tista' sseħħ biss jekk kemm-il darba tissejjaħ għaldaqstant mill-Kummissarju tal-Artijiet. Minn rajha, l-Pulizija ma tistax tindaħal, u, meta tissejjaħ tagħti l-għajnuna dan irid isir għall-fini li tara li l-Ordni tal-Kummissarju tal-Artijiet titħares;

Illi, fl-aħħarnett, kienet ECP innifisha li ħarrket lill-Kummissarju "għall-kwalunkwe interess li jista' jkollhom" (*sic*), liema kliem jixhed li l-istess imħarrek iddaħħal fil-kawża iżjed għal raġuni ta' kawtela proċedurali milli għall-konvinċiment li l-Kummissarju tal-Pulizija kellu jkun parti fiha. Il-Qorti m'hijiex tal-fehma li l-preżenza tiegħu fil-kawża kif imressqa minn ECP kienet tassew waħda meħtieġa;

Illi għalhekk, l-Qorti sejra tilqa' l-eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija safejn jirrigwardaw il-pożizzjoni tiegħu f'din il-kawża;

Illi għar-rigward tal-**eċċezzjonijiet dwar l-interess tal-kumpannija attriċi li tissokta l-kawża**, dawn jidher li tnisslu wara li nbdiet il-kawża u fid-dawl tal-fatt li erbat

[13] Art. 3(2) tal-Kap 228

ijiem wara li nfetħet, ECP nħarġet mill-fabbrika mikrija lilha. Il-Qorti terġa' ttenni li ladarba l-azzjoni attriċi tinbena espressament fuq l-artikolu 469A tal-Kap 12, xogħolha huwa wieħed ta' "kassazzjoni", jiġifieri li tagħmel eżami tal-proċess li jkun wassal għat-teħid tad-deċiżjoni amministrativa, imma mhux ukoll li l-Qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha billi twettaq hi dak li bil-liġi huma mħolli f'idejn l-awtorita' pubblika li tkun;

Illi ż-żewġ imħarrkin iqajmu l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess fil-kumpannija attriċi billi jgħidu li l-mertu tal-azzjoni huwa eżawrit. Fil-fehma tal-imħarrkin, ECP ma fadlilha l-ebda użu mill-azzjoni tagħha għaliex l-Ordni tat-tneħħija tagħha mill-fabbrika mikrija lilha issa temm kull interess li seta' kellha biex tattakka d-deċiżjoni li jinħareġ l-Ordni u li twaqqfu milli jsir;

Illi l-Qorti tqis li l-interess ġuridiku fil-partijiet kollha fil-kawża irid ikun wieħed attwali, dirett u leġittimu[14], u jrid joħroġ minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ġġib fix-xejn dritt li jappartieni lid-detentur jew li lilu jkun mistħoqq[15];

Illi l-interess ġuridiku f'attur huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtieġa tal-vertenza. Għalhekk, dan iġib miegħu l-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew li tiġi msewwija inġustizzja magħmula fil-konfront tagħha[16];

Illi biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, jrid ikun iwassal għal riżultat ta' utilita' u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd[17], b'mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni

---

[14] Ara P.A. **20.1.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Watson vs Sacco*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.453**);
[15] Ara P.A. **27.3.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat et vs Buttiġieġ*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.481**)
[16] App. Kumm. **2.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia et vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.98**);
[17] Ara App. Ċiv. **13.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Manche' vs Montebello*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.56**)

ma tistax tibqa' titmexxa 'l quddiem[18]. Kien minħabba dan il-prinċipju li għadd ta' sentenzi ċaħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb b'sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali[19] ;

Illi, minbarra dan, u dejjem għal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita' tal-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawza[20];

Illi filwaqt li jista' jkun minnu li, f'din il-kawża, l-mertu tat-tieni talba attriċi jinsab eżawrit minħabba li l-Ordni ta' Żgumbrament twettaq ftit jiem wara li nfetħet il-kawża, ma jistax jingħad l-istess għall-interess ta' ECP dwar l-ewwel talba tagħha. Is-siwi tal-istħarriġ mitlub fl-ewwel talba attriċi ma jinqatilx bil-fatt li l-Ordni twettaq, għaliex dejjem jibqa' miftuħ għall-Qorti li tistħarreġ is-siwi ta' dak l-Ordni u tal-proċess li wassal għalih. Li kieku kellu jintlaqa' l-argument li azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju jkollha tieqaf ladarba tkun ittieħdet jew twettqet deċiżjoni amministrativa, dlonk jiġri li l-ebda azzjoni bħal din ma tkun tista' tinbeda, għaliex fil-biċċa l-kbira tal-każijiet l-istħarriġ isir sewwasew dwar għamil amministrativ (ordnijiet, deċiżjonijiet u permessi) li jkun diġa' seħħ;

Illi lanqas il-fatt li ECP ma ressqitx talba għall-ħlas ta' kumpens għad-danni li hija setgħet ġarrbet minħabba d-deċiżjoni li titneħħa mill-fabbrika mikrija lilha m'għandux ikun ta' xkiel għas-siwi tal-azzjoni tagħha u għaż-żamma fis-seħħ tal-interess ġuridiku li tibqa' ssegwi l-ewwel talba tagħha;

Illi dan jingħad għaliex huwa magħruf li l-interess ġuridiku jeżisti wkoll fejn it-talbiet f'kawża jkunu pre-ordinati għal rimedju ieħor li jista' jitfittex f'kawża oħra li tkun għadha

---

[18] P.A. **7.1.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Sammut*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.605**)
[19] Ara App. Ċiv. **8.6.1942** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis vs Bonello*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.218**)
[20] App. Ċiv. **17.2.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut et noe vs Attard*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.246**).

trid jew tista' ssir. F'dan il-każ, jekk kemm-il darba l-Qorti ssib li l-ewwel talba attriċi tkun mistħoqqa, ECP dejjem jista' jkollha l-jedd li tfittex rimedju ulterjuri bis-saħħa ta' deċiżjoni bħal dik, li taf isservi bħala sentenza dikjaratorja;

Illi meta wieħed jitkellem dwar azzjoni dikjaratorja, tqum minnufih il-kwestjoni tal-interess li wieħed iressaqha. Huwa stabilit[21] li m'humiex amissibbli azzjonijiet merament dikjaratorji, meta r-rimedju li għalih jistgħu jkunu preordinati mhux biss m'huwiex mitlub, imma lanqas jista' jintalab mill-Qorti[22]. Dan il-prinċipju jintrabat mal-ħtieġa li min jiftaħ kawża jrid juri li għandu interess li m'huwiex biss wieħed ġuridiku, imma wkoll wieħed attwali u dirett[23]. Minbarra dan, azzjoni dikjaratorja ssib is-sens tagħha jekk tkun pre-ordinata għal kawża oħra li tiddependi sewwasew mis-sentenza dikjaratorja[24];

Illi, filwaqt li dan li jingħad ma jibdel xejn mill-konsiderazzjonijiet li ġa saru dwar il-pożizzjoni tal-Kummissarju mħarrek, fil-każ tal-kumpannija mħarrka MIP iħalli l-effett tiegħu. Dan l-effett hu li MIP ma tistax tistkenn wara l-fatt li l-Ordni ta' Żgumbrament twettaq, biex tevita li l-Qorti tistħarreġ jekk id-deċiżjoni tagħha li tiżgombra lil ECP kenitx magħmula b'mod li tikser il-ħtiġijiet tal-liġi kif mifhuma fl-artikolu 469A tal-Kap 12;

Illi għalhekk il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija u t-tieni eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka MIP;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **tilqa' l-ewwel, it-tieni u r-raba' eċċezzjonijiet** tal-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija, u għalhekk teħilsu milli jibqa' fil-kawża, bi spejjeż għall-kumpannija attiċi;

[21] Ara App. Ċiv. **3.3.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuffrida pro et noe vs Borġ Olivier et*** (Kollez. Vol: **LI.i.130, a fol. 170**)
[22] Ara P.A. TM **20.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Alex Mangion vs Anthony Ċilia Pisani noe***
[23] Ara, per eżempju, P.A. **20.1.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Watson vs Sacco et*** (Kollez.Vol: **XXXIV.ii.453**)
[24] Ara, App. Ċiv. **4.12.1944** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Petrococchino noe et*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.540**)

**Tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet** tal-kumpannija mħarrka Malta Industrial Parks Limited bħala m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjeż kontra tagħha; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jissokta fil-mertu fil-konfront tal-imsemmija kumpannija mħarrka fis-smigħ ta' nhar il-Ħamis, 5 ta' Novembru, 2009, u tissejjaħ fin-12.30 p.m.;

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------